European Cancer Patient Coalition




## L-immappjar tar-rispons tal-Istati Membri tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 u l-kanċer

Il-Koalizzjoni Ewropea tal-Pazjenti bil-Kanċer (European Cancer Patient Coalition, ECPC) nediet l-istħarriġ ‘L-immappjar tar-rispons tal-Istati Membri tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19 u l-kanċer biex issegwi l-esperjenza tal-pazjenti bil-kanċer, dawk li kellhom kanċer jew dawk li jieħdu ħsieb ta’ nies bil-kanċer madwar l-UE kollha. Jekk jogħġbok ipparteċipa billi tgħidilna dwar l-esperjenza tiegħek! L-istħarriġ hu miftuħ sal-1**5 ta’ Settembru tal-2020.**

Dan l-istħarriġ huwa disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. Meta tikklikkja hawnhekk, tmur direttament fl-istħarriġ fejn tista’ tagħżel il-lingwa ppreferuta tiegħek fir-rokna ta’ fuq, man-naħa tal-lemin tal-iskrin tiegħek.

**Għaliex qed isir dan l-istħarriġ?**

Essenzjalment, nixtiequ nsegwu l-effett li kellu l-COVID-19 fuq il-pazjenti bil-kanċer u fuq il-kura tagħhom madwar l-Ewropa. Din l-informazzjoni tagħtina ħarsa wiesgħa u profonda ta’ kif il-pazjenti bil-kanċer ġew affettwati matul din il-pandemija u tgħinna biex inkomplu nagħtu l-appoġġ tagħna lil pazjenti bil-kanċer fi żminijiet mingħajr preċedent bħalma hi l-pandemija attwali. Min-naħa l-oħra, b’din l-informazzjoni, nistgħu:

• nikkonfrontaw lil dawk li jfasslu l-politika u nsejħu għal aċċess ugwali u ta’ kwalità għall-kura għal pazjenti bil-kanċer fil-pajjiżi kollha u taħt iċ-ċirkostanzi kollha.

• naraw kif tfixkil fil-kura tas-saħħa jikkorrelata ma' deterjorament fir-riżultati tal-kura u f'żieda fl-inċidenza ta' mwiet fis-sena li ġejja.
• inbassru/nidentifikaw suġġetti ġodda dwar l-avukatura, il-politika u r-riċerka

L-informazzjoni li tgħaddilna se tiġi trattata b'mod strettament kunfidenzjali: se tiġi analizzata statistikament u l-anonimità tiegħek se tiġi rrispettata bis-sħiħ.

**Kemm idum l-isħarriġ?**

L-istħarriġ jieħu madwar 15-il minuta biex tlestih kollu.

**Imlejt l-istħarriġ, x'nista' nagħmel aktar biex ngħin?**

Grazzi talli mlejt l-istħarriġ! Tista' tgħinna nxerrdu dan billi taqsam l-istħarriġ fuq il-midja soċjali jew billi tagħmel retweet tal-posts tal-istħarriġ tagħna fuq Twitter. Jekk jogħġbok aqsam dan ma' sħabek u mal-qraba tiegħek ukoll, aħna nixtiequ nilħqu firxa wiesgħa ta' pazjenti bil-kanċer li jkunu qed jieħdu l-kura waqt COVID-19, għalhekk, aktar ma nilħqu nies, aktar aħjar. Int imħeġġeġ biex tagħżel il-lingwa tiegħek mit-traduzzjonijiet disponibbli fid-drop down menu fuq il-lemin tal-iskrin u taqsam l-istħarriġ bil-lingwa ppreferuta tiegħek.Jekk għandek xi mistoqsijiet, jekk jogħġbok ikkuntattja lil paulina.gono@ecpc.org. Nixitequ nirringrazzjawk bil-quddiem tal-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tiegħek u nistennew bil-ħerqa li nirċievu t-tweġibiet tiegħek.

**Min approva dan l-istħarriġ?**

L-istħarriġ ġie rivedut mill-membri tal-Kumitat Xjentifiku tal-ECPC Dr. Claudia Allemani, Professur Assoċjat tal-Epidemjoloġija tal-Kanċer fil-Cancer Survival Group fil-London School of Hygiene and Tropical Medicine u Prof. Mark Lawler, President tal-Ġenomika tal-Kanċer Traspożizzjonali, Fakultà tal-Mediċina, Saħħa u Xjenzi tal-Ħajja, Queen's University Belfast. Nirrikonoxxu wkoll il-kontribut ta' Dr. Frances Drummond, Uffiċjal tar-Riċerka f'Breakthrough Cancer Research u Dr. Isabelle Soerjomataram, mit-Taqsima Prinċipali tas-Sorveljanza tal-Kanċer fl-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC).

**Dwar il-Koalizzjoni Ewropea tal-Pazjenti bil-Kanċer**

Il-Koalizzjoni Ewropea tal-Pazjenti bil-Kanċer (ECPC) hija vuċi għall-pazjenti bil-kanċer fl-Ewropa. B'aktar minn 450 membru, l-ECPC hija l-ikbar assoċjazzjoni ġenerali ta' pazjenti bil-kanċer fl-Ewropa, li tkopri t-28 stat membru tal-UE u ħafna pajjiżi oħra Ewropej u mhux Ewropej. L-ECPC tirrappreżenta l-pazjenti affettwati mit-tipi kollha ta' kanċer, mill-iktar rari sal-ikar komuni.

ECPC Team

---

**Stħarriġ**

**Kuntatt**

*Copyright © 2019 European Cancer Patient Coalition, All rights reserved.*
You are receiving this email because you are an ECPC Member.

**Our mailing address is:**
European Cancer Patient Coalition
Rue Montoyer 40
Brussels 1000
Belgium
Add us to your address book

Want to change how you receive these emails?
You can update your preferences or unsubscribe from this list.

This email was sent to <<Email Address>>
*why did I get this?* unsubscribe from this list update subscription preferences
ECPC Office · Rue Montoyer 40 · Brussel 1000 · Belgium